MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Rikors Numru. 1056/2009

**Air Malta plc (C-2685)**

***kontra***

**(1) Wings Cargo Limited (C-11878)**

**u**

**(2) Joseph Zammit (127046M)**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors tal-kumpannija Air Malta plc presentat fit-30 ta’ Ottubru 2009 li jaqra hekk –

*Illi b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Air Malta plc vs Wings Cargo Limited (Citazz Nru 1774/2000 GCD) tal-5 ta’ Ottubru, 2000 (**Dok AM1**), liema sentenza ghaddiet in gudikat, ir-rikorrenti Air Malta plc giet*

*kanonizzata kreditrici tal-kumpannija intimata fis-somma ta' Lm95,337.44 (illum ekwivalenti ghal €222,076.50), oltre imghaxijiet u spejjez.*

*Illi sa llum din is-somma baqghet ma thallsitx, minkejja diversi interpellazzjonijiet.*

*Illi ghalhekk nhar il-5 ta' Jannar, 2009 in ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija gie pprezentat mandat ta' sekwestru kontra l-intimata ghas-somma komplessiva ta' €372,341.10 konsistenti in kwantu ghal €222,076.50 f'sorte, €145,915.18 f'imghaxijiet ikkalkulati bit-tmienja fil-mija (8%) sat-22 ta' Dicembru, 2008 u €44,349.42 fi spejjez gudizzjarji (**Dok AM2)**.*

*Illi ghaddew aktar minn erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-prezentata ta' tali mandat u d-dejn tal-intimata ghadu dovut fl-intier tieghu.*

*Illi ghalhekk il-kumpannija intimata ma tistax thallas id-djun taghha fis-sens tal-artikolu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u hemm lok li l-kumpannija xxolji u tigi stralcjata gudizzjarment kif irid l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386.*

*Illi minn ricerki li ghamlet ir-rikorrenti fis-sit tal-MFSA qabel intavolat dan ir-rikors irrizultalha wkoll illi:*

*(a) Il-kumpannija ghandha biss authorised share capital ta' elf lira Maltija (Lm1000, illum ekwivalenti ghal €2,329.37) konsistenti f'elf share, li minnhom hames mitt share biss huma issued.*

*(b) L-ahhar financial statement ipprezentat mar-Registratur tal-Kumpanniji igib id-data tat-2 ta' Gunju tal-2008 pero' jirreferi ghas-sena finanzjarja li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2006. Inoltre, jirrizulta mill-istess statement illi l-kontijiet tal-kumpannija ma setghux jigu awditjati minhabba nuqqas ta' informazzjoni moghtija lill-awdituri. Dan in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' accounts jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 183 tal-Kap 386 oltre li johloq ukoll pregudizzju serju ghal kredituri u terzi li kienu*

*jinnegozzjaw mal-intimata li minhabba dan in-nuqqas mhumiex f'pozizzjoni illi jivverifikaw il-qaghda finanzjarja tal-intimata.*

*(c) Inoltre, jirrizulta mill-financial statement illi l-kumpannija kellha current liabilites ta' LM386,745 fl-2005 u LM383,236 fl-2006, kif ukoll net liabilities ta' Lm126,286 fl-2005 u Lm124,725 fl-2006 – djun inkwetanti partikolarment ghal kumpannija b'issued share capital ta' Lm500.*

*(d) Jirrizulta wkoll illi l-uniku direttur tal-kumpannija intimata huwa Joseph Zammit (127046M) waqt li l-azzjonista magoritarja (499 share minn 500) fil-kumpannija intimata hija kumpannija ohra (Wings Holdings Limited) li l-uniku direttur taghha huwa wkoll l-imsemmi Joseph Zammit. Ta' min jghid illi skond l-ahhar financial statement sottomess minn Wings Holdings Limited lill-MFSA, u cjoe l-istatement ghas-sena finanzjarja li tintemm nhar it-30 ta' Settembru, 2006 Wings Holdings Limited irregistrat accumulated losses ta' Lm325,364 u net deficiency ta' Lm294,614.*

*(e) Minkejja din il-qaghda finanzjarjament imweghra tal-kumpannija intimata, din ghadha topera tant illi fl-10 ta' Novembru, 2008 irregistrat bdil fl-ufficcju registrat taghha.*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti illi jirrizultaw mid-dokumenti li qed jigu hawn annessi bhala faxxikolu (**Dok AM3**), l-esponenti tissottometti illi hemm lok illi l-kumpannija intimata xxolji u tigi stralcjata wkoll ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 ["ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija"].*

*Illi inoltre, ghall-istess ragunijiet, l-esponenti bir-rispett tissottometti illi mhux biss hija Wings Cargo Limited insolventi imma wkoll illi fit-tmexxija taghha, l-uniku direttur Joseph Zammit kien u ghadu jwettaq kummerc bi frodi u/jew zbaljat fis-sens tal-Artikli 315 u 316 tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u*

*ghalhekk hemm lok illi jinstab personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpannija.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-kumpannija esponenti Air Malta plc titlob bir-rispett li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata Wings Cargo Limited u dan ai termini tal-Artikoli 214(2)(a)(ii), 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Inoltre, din il-Qorti hija umilment mitluba illi ssib lil Joseph Zammit personalment responsabbli ghad-djun u l-obbligi tal-kumpannija intimata ai termini tal-Artikolu 315 u 316 tal-Kap. 386.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

**Rat** li l-kontenut tar-rikors promotorju kien konfermat bil-gurament mill-Av. Dr. Christopher Spiteri bhala rapprezentant tal-kumpannija rikorrenti.

**Rat** id-dokumenti esebiti mar-rikors.

**Rat** ir-risposta tal-kumpannija intimata presentata fit-18 ta' Dicembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ;*

*2. Illi mhux minnu li l-kumpannija konvenuta ghadha qed topera anzi jirrizulta li fil-fatt din ilha ma topera sa minn 2003 u dan in vista ta' diffikultajiet finanzjarji li esperjenzat fin-negozju taghha ; barra minn hekk mill-1999, meta bdew jinhassu dawn id-diffikultajiet fl-operat ta' din il-kumpannija, sal-2003 din operat fuq "cash basis" biss u dana sabiex ma tippregudikax il-posizzjoni tal-kredituri taghha u ma tikkreax kredituri ohra oltre dawk gja ezistenti ;*

*3. Illi fil-fatt ma sarx rikors ghax-xoljiment tal-kumpannija ghal diversi ragunijiet fosthom illi d-diretturi u*

*l-azzjonisti tal-istess kumpannija emmnu illi d-diffikultajiet finanzjarji setghu jintelbu la darba s-socjeta' konvenuta tigbor il-flejjes li din kellha tiehu minghand kumpanniji ohra relatati fosthom Wings Travel Company Limited. Jinghad li fil-fatt irrizulta li tali kumpaniji debituri tas-socjeta' konvenuta spiccaw bi problemi finanzjarji huma stess b'mod illi lanqas kellhom assi bizzejjed biex ihallsu d-dejn tal-kumpannija taghhom wisq anqas biex ihallsu d-dejn li kellhom mal-kumpannija konvenuta; L-akbar problema kienet li l-assi principali ta' Wings Travel Co Limited, konsistenti fi proprjeta' immobiljari li kienu l-ufficcji minn fejn joperaw il-kumpanniji ta' dan il-Grupp, gew maqbuda mill-H.S.B.C Bank plc. u minkejja li sar tentattiv biex jinstab xerrej ghal-imsemmija propjeta' u dan jixtri minghajr il-bzonn tas-subasta, fir-realta kull tentattiv falla u din l-immobli spiccat inbieghet permezz ta' subbasta fl-2008 ghall-prezz hafna anqas mill-valur reali u tas-suq taghha b'dawn jirrizulta li tali rikavat mill-istess bejgh ma kienx bizzejjed la biex jithallas id-dejn ta' Wings Travel wisq anqas biex jithallas id-dejn tas-socjeta' konvenuta kif kien dejjem qed jispera l-esponent ;*

*4. Illi t-tibdil fl-ufficju registrat tas-socjeta' konvenuta li sar fl-2008 sar propju minhabba l-bejgh bis-subbasta hawn fuq imsemmija tal-fond li qabel kien iservi bhala ufficini tal-kumpannija konvenuta u mhux ghaliex l-imsemmija kumpannija ghadha qed topera kif qed jallegaw l-atturi; permezz ta' din is-subbasta inbieghet il-propjeta' fejn kellha l-ufficju registrat il-kumpanija konvenuta u ghalhekk kellu jinstab ufficju registrat iehor ghall-istess kumpannija sabiex jigu sodisfatti l-formalitajiet tal-ligi dwar il-kumpanniji ;*

*5. Illi jidher car li prezentament is-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda assi sabiex thallas id-dejn taghha u ma tezisti l-ebda possibilta li din is-sitwazzjoni tinbidel b'mod illi d-djun tas-socjeta' konvenuta jithallsu ;*

*6. Illi in vista tal-fatti kif suesposti jidher car illi x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' konvenuta ma jkunx ghajr process inutili li r-rizultat tieghu jkun biss li jkompli jgharraq il-qaghda finanzjarja tal-istess kumpannija u dan*

*bi pregudizzju ulterjuri ghall-kredituri stante illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex il-flus u/jew assi li jistghu iservu biex ikopru l-ispejjez involuti fi proceduri bhal dawn.*

*7. Illi invista tal-fatti kif suesposti jidher car illi l-proceduri odjerni ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' konvenuta ser ikunu inutili stante li ma hemmx assi biex jitqassmu lill-kredituri u ghalhekk ir-rizultat ta' dan il-process ser ikun biss li jkompli jzid ma' l-ispejjez u dan bi pregudizzju ulterjuri ghal-partijiet kollha, u li ghalhekk in vista tac-cirkostanzi l-konvenut jikkontendi li minflok tigi xolta, ikun aktar opportun li din il-kumpannija ghandha ssir "defunct company" ai termini ta' Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** li l-kontenut tar-risposta kien konfermat bil-gurament mill-istess intimat Joseph Zammit bhala rapprezentant tal-kumpannija intimata.

**Rat** il-lista tax-xhieda esebita mar-risposta.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-intimat Joseph Zammit *proprio* presentata fit-<u>18 ta' Dicembru 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari, it-talba tas-socjeta' attrici sabiex jinstab illi l-konvenut Zammit wettaq kummerc hazin ("Wrongful Trading") a bazi tal-provvedimenti tal-Artikolu 316 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta), l-istess konvenut Zammit jeccepixxi illi din it-talba hija intempestiva kif ukoll irritwali, u ghaldaqstant nulla fl-intier taghha, stante illi d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw biss meta l-kumpannija de quo tkun gia giet xolta, u kif ukoll stante li l-ligi hija cara fis-sens li l-Qorti tista' tasal ghal dikjarazzjoni dwar kummerc hazin biss fuq ir-rikors tal-istralcjarju ta' l-istess kumpannija. Fil-kaz odjern il-kumpannija konvenuta ghadha ma gietx xolta, u apparti minn hekk it-talba ghal dikjarazzjoni taht l-Artikolu 316 qed issir mill-kredituri tal-istess kumpannija u mhux mill-istralcjarju kif titlob il-ligi ;*

*2. Illi, fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ;*

*3. Illi dwar it-talba ghax-xoljiment tal-kumpannija konvenuta, il-konvenut primarjament jichad bil-qawwa kollha illi l-istess kumpannija realment ghadha qed tezercita l-kummerc u jsostni li mhux minnu li din ghadha qed topera anzi jirrizulta li fil-fatt din ilha ma topera sa minn 2003 u dan in vista ta' diffikultajiet finanzjarji li esperjenzat fin-negozju taghha kif ser jigi pruvat fl-eventwali trattazzjoni ;*

*4. Illi fil-fatt kien fl-1999, meta bdew jinhassu diffikultajiet fl-operat ta' din il-kumpannija u in fatti sal-2003 din bdiet topera fuq "cash basis" u dana sabiex ma tippregudikax il-posizzjoni tal-kredituri taghha u ma tikkreax kredituri ohra oltre dawk gja ezistenti; jinghad illi l-problemi fin-negozju ssawru stante li diversi agenziji li maghhom kienet tahdem is-socjeta' konvenuta waqfu r-relazzjoni kummercjali taghhom ma' l-istess kumpannija ;*

*5. Illi minkejja din il-qaghda tal-kumpannija d-diretturi baqghu jahdmu biex jippruvaw jergghu iqajmu n-negozju u infatti jinghad li huma ma qabdux u abbandunaw il-kumpannija jew ghamlu rikors ghax-xoljiment ta' l-istess kumpannija ;*

*6. Illi fil-fatt ma sarx rikors ghax-xoljiment tal-kumpannija ghal diversi ragunijiet fosthom illi d-diretturi u l-azzjonisti tal-istess kumpannija emmnu illi d-diffikultajiet finanzjarji setghu jintelbu la darba s-socjeta' konvenuta tigbor il-flejjes li din kellha tiehu minghand kumpanniji ohra relatati fosthom Wings Travel Company Limited. Jinghad li fil-fatt irrizulta li tali kumpaniji debituri tas-socjeta' konvenuta spiccaw bi problemi finanzjarji huma stess b'mod illi lanqas kellhom assi bizzejjed biex ihallsu d-dejn tal-kumpannija taghhom wisq anqas biex ihallsu d-dejn li kellhom mal-kumpannija konvenuta; L-akbar problema kienet li l-assi principali ta' Wings Travel Co Limited, konsistenti fi proprjeta' immobiljari li kienu l-ufficcji minn*

*fejn joperaw il-kumpanniji ta' dan il-Grupp, gew maqbuda mill-H.S.B.C Bank plc. u minkejja li sar tentattiv biex jinstab xerrej ghal-imsemmija propjeta' u dan jixtri minghajr il-bzonn tas-subasta, fir-realta kull tentattiv falla u din l-immobli spiccat inbieghet permezz ta' subbasta fl-2008 ghall-prezz hafna anqas mill-valur reali u tas-suq taghha b'dawn jirrizulta li tali rikavat mill-istess bejgh ma kienx bizzejjed la biex jithallas id-dejn ta' Wings Travel wisq anqas biex jithallas id-dejn tas-socjeta' konvenuta kif kien dejjem qed jispera l-esponent ;*

*7. Illi t-tibdil fl-ufficju registrat tas-socjeta' konvenuta li sar fl-2008 sar propju minhabba s-subbasta hawn fuq imsemmija tal-fond li qabel kien iservi bhala ufficcju tal-kumpannija konvenuta u mhux ghaliex l-imsemmija kumpannija ghadha qed topera kif qed jallegaw l-atturi; kif spjegat hawn fuq, permezz tas-subbasta msemmija nbieghet il-propjeta' fejn kellha l-ufficcju registrat il-kumpannija konvenuta u ghalhekk kellu jinstab ufficcju registrat iehor ghall-istess kumpannija sabiex jigu sodisfatti l-formalitajiet tal-ligi dwar il-kumpanniji fejn kumpannija ma jistax ma jkollhiex ufficcju registrat; jinghad ukoll illi l-kumpannija ma ghandhiex flus biex tikri ufficcju iehor u ghalhekk din qed tuza ufficcju ta' kumpannija ohra li tieghu mhu qeda thallas xejn ;*

*8. Illi in vista tal-fatti kif suespost jidher car illi l-proceduri odjerni ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' konvenuta ser ikunu inutili stante li ma hemmx assi biex jitqassmu lill-kredituri u ghalhekk ir-rizultat ta' dan il-process ser ikun biss li jkompli jzid ma' l-ispejjez u dan bi pregudizzju ulterjuri ghal-partijiet kollha, u li ghalhekk in vista tac-cirkostanzi l-konvenut jikkontendi li minflok tigi xolta, ikun aktar opportun li din il-kumpannija ghandha ssir "defunct company" ai termini ta' Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*9. Illi, ghalhekk in vista tal-fatti esposti hawn fuq u kif ser jigi spjegat fil-prosegwiment tal-kawza l-konvenut Zammit umilment jissottometti illi dak li gara kien biss negozju illi sfortunatament mar hazin u fl-ebda mument ma kien hemm l-intenzjoni ta' qerq jew frodi da parti*

*tieghu u ghalhekk it-talba sabiex id-direttur jigi misjub hati li wettaq kummerc bi frodi taht l-Artikolu 315 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ma ghandhiex tigi milqugha; Jinghad ukoll illi fir-realta' kuntrarjament ghal agir ta' xi hadd li qed jipprovaw jiffroda, id-direttur agixxa b'mod fejn prova ma jippregudikax il-posizzjoni tal-kredituri meta baqa' jahdem biex jipprova jbiegh il-propjeta' tas-socjeta' relatata Wings Travel; jinghad ukoll illi l-fatt li ma kien hemm l-ebda hsieb ta' frodi jidher car ukoll mill-fatt illi llum l-eccipjent spicca minghajr ebda assi stante illi tilef kull ma peress li hu kien jaghmel tajjeb personalment ghad-djun li ggarbu s-socjetajiet tieghu; ghaldaqstant zgur li ma jezistux ir-rekwiziti ta' intenzjoni ta' frodi kif jitlob dan l-artikolu u ghalhekk l-eccipjent bl-ebda mod ma jista' jinsab personalment responsabbli ghall-hlas tas-somma fl-ammont ta' Euro 372,341.10 mitluba mill-Air Malta plc ;*

*10. Illi minghajr pregudizzju ghal eccezzjoni preliminari moghtija hawn fuq, fir-rigward tat-talba sabiex il-konvenut jigi misjub li ghamlet Kummerc hazin taht l-Artikolu 316 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta), jigi eccepit kif spjegat hawn fuq id-direttur haseb li kien prospett li jingabru parti mill-flus dovuti lis-socjeta' meta kellu jinbieghu l-assi tas-socjeta' relatata u ghalhekk id-direttur kien biss qed jipprova jnaqqas it-telf tal-kredituri tal-kumpannija konvenuta kif ser jirrizulta mill-eventwali trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Qieset** il-provi tal-partijiet.

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2010, il-kumpannija rikorrenti rtirat it-talba taghha kif dedotta kontra l-intimat Joseph Zammit fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-imsemmija intimat <u>personalment</u> responsabbli ghad-djun u l-obbligi tal-kumpannija intimata ai termini tal-Art.315 u 316 tal-Kap.386.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2010 fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Ladarba l-kumpannija rikorrenti rtirat it-talba li ressqet fil-konfront tal-intimat Joseph Zammit fil-kwalita' personali tieghu, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa limitat ghat-talba tal-istess kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta dan il-kwadru –

1) Skond sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2000 (DOK AM1) fil-kawza "Air Malta plc vs Wings Cargo Limited", ir-rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-kumpannija intimata fl-ammont ta' Lm95,337.44 [€222,076.50], oltre l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji.

2) Fil-5 ta' Jannar 2009 in ezekuzzjoni ta' din is-sentenza sar mandat ta' sekwestru kontra l-intimata (Dok AM2).

3) Il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti.

4) Mid-DOK.NF1 esebit mir-rapprezentant tal-MFSA, jirrizulta li l-ahhar *abridged financial statements* li l-kumpannija intimata pprezentat lir-regolatur kienu dawk ghaz-zmien li ghalaq fit-30 ta' Settembru 2006. Dan sar fit-28 ta' Mejju 2008. Imbaghad fit-2 ta' Ottubru 2009, kienet prezentata l-*annual return* veljanti sas-27 ta' Awissu 2009.

5) Elokwenti hafna kienet ix-xhieda ta' Paul Darmanin bhala rapprezentant tad-ditta ta' awdituri Deloitte a fol 90 et seq. *Inter alia* jirrizulta hekk –

i) L-ahhar *audit* li Deloitte ghamlet tal-kumpannija intimata kien dak li ghalaq fit-30 ta' Settembru 2006 ; propju dak li jirrizulta minn DOK NF1. Wara dik id-data,

ma sar l-ebda *audit* iehor ghalkemm Deloitte baqghu l-awdituri tal-kumpannija intimata.

ii) Ix-xhud testwalment xehed hekk (fol 92) – *jekk tara l-accounts … hemm telf kbir u jekk ma tinbidilx is-sitwazzjoni tal-kumpannija ma tantx hemm skop li nkomplu naghmlu l-audit ta' Wings Cargo.*

iii) Ix-xhud kompla jispjega li almenu sat-30 ta' Settembru 2006 kien hemm telf akkumulat ta' Lm125,000. Mhux biss izda f'dik is-sena, il-kumpannija waqfet topera. Anke wara dik id-data, it-telf baqa' hemm. Bla dubbju ta' xejn, id-dejn kien jaqbez bil-bosta l-assi tal-kumpannija.

iv) Ix-xhud esprima l-fehma li ladarba l-kumpannija certament sa mill-2006 waqfet tahdem ma tantx kien hemm cans li thallas lill-kredituri taghha.

**Ikkunsidrat –**

<u>Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386</u> il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista'*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

**F'dan il-kuntest, is-socjeta' rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha <u>fuq is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a) u fuq is-subinciz (iii) tal-paragrafu (b) tal-Art.214(2) tal-Kap.386.</u>**

**<u>Art.214(2)(a)(ii)</u>**

Skond is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a), kumpannija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti -

… *<u>jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha.</u>*

Art.214(5) jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tas-subinciz (ii) tal-paragrafu (b).

Is-subartiklu (5) ghandu zewg subparagrafi. Is-subparagrafu (a) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura civili.*

Fuq l-iskorta ta' l-atti li jaghmlu parti mill-process ta' din il-kawza, dak li jahseb ghalih is-subparagrafu (a) tal-Art.214(5) jirrizulta pruvat b'mod sodisfacjenti. Infatti skond sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2000 (DOK AM1) fil-kawza "Air Malta plc vs Wings Cargo Limited", ir-rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-kumpannija intimata fl-ammont ta' Lm95,337.44 [€222,076.50], oltre l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji. Fil-5 ta' Jannar 2009 in ezekuzzjoni ta' din is-sentenza sar mandat ta' sekwestru kontra l-intimata (Dok AM2). Cio' nonostante l-kumpannija intimata baqghet inadempjenti.

**Art.214(2)(b)(iii)**

Filwaqt li abbazi tal-Art.214(2)(a)(ii) u tal-Art.214(5), din il-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk tordnax ix-xoljiment u stralc tal-kumpannija debitrici, fil-kazi elenkati fl-Art.214(2)(b) minn (i) sa (iv) ix-xoljiment mill-Qorti huwa tassattiv.

Issa fil-kaz tal-lum, il-kumpannija kreditrici qed tinvoka x-xoljiment u stralc abbazi tas-subinciz (iii) li jaqra hekk –

*il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.*

Il-ligi ma taghtix tifsira tar-*ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.* Dan ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa' tal-

gudikant sabiex jizen il-fatti u cirkostanzi ta' kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement. Fi kwalunkwe kaz, ir-*ragunijiet* ghalkemm mhux definiti jridu jkunu *gravi bizzejjed li jiggustifikaw* xoljiment u stralc.

Issa fil-kaz tal-lum, partikolarment abbazi ta' dak li xehed l-awditur Paul Darmanin, irrizulta kjarament u inekwivokament li ghalkemm sat-30 ta' Settembru 2006 il-kumpannija intimata kellha telf akkumulat ta' €291,171 (Lm125,000), hija waqfet ghal kollox mill-operazzjonijiet taghha bla ma ppruvat thallas id-dejn taghha bil-konsegwenza li id-dejn taghha baqa' jaqbez bil-bosta l-assi taghha. Dak l-istat ta' fatt wassal sahansitra lill-istess Paul Darmanin biex jiddikjara li *jekk ma tinbidilx is-sitwazzjoni tal-kumpannija ma tantx hemm skop li nkomplu naghmlu l-audit ta' Wings Cargo.*

Rinfaccjata minn stqarrija daqstant skjetta u cara ta' awditur, din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-inerzja tal-kumpannija intimata u l-konsegwenzi taghha bhala ragunijiet gravi bizzejjed li ghandhom iwasslu ghax-xoljiment taghha. Din il-Qorti ghandha dmir istituzzjonali lejn is-socjeta' fis-sens li huwa kompitu taghha li tassikura, li f'suq hieles izda fl-istess waqt regolat, joperaw biss dawk il-kumpanniji li huma f'posizzjoni li bl-atti taghhom jispiraw il-fiducja tal-pubbliku (*public trust*). Din il-Qorti ma tistax tippermetti li jibqghu "attivi" kumpanniji li ghandhom *record* negattiv f'kull sens traccjat fuq numru ta' snin, fejn ghalihom it-tkattir tal-attivita' ekonomika u allura l-profitt ma jkunx aktar rilevanti, u fejn it-telf isir biss mod kif jigu eluzi l-obbligazzjonijiet. Ghal din il-Qorti, il-kumpannija intimata hija wahda minnhom.

Ghalhekk fuq l-iskorta tal-provi in atti, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li l-kumpannija intimata ghandha tigi xjolta u stralcjata kif pretiz mir-rikorrenti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti fejn din tirrigwarda l-intimat Joseph**

**Zammit personalment, stante li dik it-talba kienet irtirata mill-istess rikorrenti fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2010, u konsegwentement tillibera lill-istess Joseph Zammit mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2) Tghid li l-kumpannija intimata Wings Cargo Limited (C-11878) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) u tal-Art.214(5) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**3) Tghid li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u stralc tal-istess kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.**

**4) Ghalhekk tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata b'effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna l-istralc taghha.**

**5) Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet -**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-intimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-art.227 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew il-kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**g) Il-kumpannija intimata ghandha thallas l-ispejjez taghha u dawk tal-kumpannija rikorrenti, waqt li l-kumpannija rikorrenti ghandha tinkorri wahedha l-ispejjez tal-intimat Joseph Zammit.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------